32003D0246

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-26 ta' Marzu 2003
li temenda r-Regoli Interni ta' Proċedura

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 972)

(2003/246/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEI,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 218(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 131 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(1) tiegħu,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri operazzjonali għall-immaniġġjar ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, li t-testi tagħhom huma annessi ma' din id-Deċiżjoni, huma hawnhekk miżjuda mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni bħala l-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tieħu l-post tad-Deċiżjoni li għandha l-istess titolu adottata fil-5 ta' Marzu 2003.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ u tapplika mis-26 ta' Marzu 2003.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Marzu 2003.

Għall-Kummissjoni

Neil KINNOCK

Viċi-President

ANNESS

ID-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PROĊEDURI OPERAZZJONALI GĦALL-IMANIĠĠJAR TA' KRIŻI TAL-KUMMISSJONI

Billi:

(1) Huwa xieraq li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-proċeduri li jippermettu li s-sitwazzjonijiet ta' kriżi jkunu immaniġġjati, u b'mod partikolari tiżgura li d-deċiżjonijiet meħtieġa jistgħu jittieħdu b'mod l-iżjed effiċjenti u bil-ħeffa, filwaqt li tiżgura li jibqgħu soġġetti għall-kontroll politiku.

(2) Huwa xieraq li l-Kummissjoni tistabbilixxi struttura operazzjonali għall-immaniġġjar ta' kriżi.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Sigurta' ([1]) stabbiliti bħala l-Anness għar-Regoli Interni ta' Proċedura tal-Kummissjoni, jipprovdu li membru tal-Kummissjoni għandu jkun responsabbli għall-affarijiet tas-sigurta' u għall-implimentazzjoni tal-politka tas-sigurta' tal-Kummissjoni.

(4) Il-prinċipji ġenerali stabbiliti fit-taqsima 2 ta' l-Anness tad-Dispożizzjonijiet dwar is-sigurta' jfasslu prinċipji ġenerali ta' legalita', trasparenza, responsabbilta' u sussidjarjeta' (proporzjonalita') li japplikaw għall-immaniġġjar ta' kriżi.

Artikolu 1

L-Uffiċju tas-Sigurtá għandu jiġi integrat fil-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u Amministrazzjoni, u għandu jopera taħt il-kontroll ta' Direttur ta' l-Uffiċju tas-Siġurta' tal-Kummissjoni li huwa responsabbli lill-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-affarijiet tas-sigurta.

Artikolu 2

1. Is-sistema tal-kriżi għandha tikkonsisti f'grupp amministrattiv, grupp operazzjonali u grupp ta' monitoraġġ.

2. Il-grupp amministrattiv għandu jiltaqa' taħt il-presidenza tad-Deputat Segretarju-Ġenerali. Għandu jikkonsisti f'Membru tal-Kabinet tal-President u fil-Membru tal-Kummissjoni li huw responsabbli għall-affarijiet tas-sigurta , fid-Direttur ta' l-Uffiċċju tas-Sigurta' tal-Kummissjoni, fid-Diretturi Ġenerali tas-Servizzi Legali, tal-Persunal u amministrazzjoni, u tal-Midja, u persuni oħra li d-Deputat Segretarju Ġenerali jikkonsidra li huwa xieraq fiċ-ċirkustanzi.

Għandu jkun responsabbli li jagħti pariri lill-Kummissjoni u b'mod partikolari l-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-affarijiet tas-sigurta' dwar miżuri xierqa li għandhom jittieħdu għall-protezzjoni ta' l-impjegati u l-assi tal-Kummissjoni, u tiżgura l-effettivita' opperattiva f'każ ta' kriżi.

3. Il-President, il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-affarijiet tas-sigurta' u kull Membru tal-Kummissjoni involut fil-kriżi għandu jiġi informat fuq l-iżviluppi tal-kriżi mill-President tal-grupp amministrattiv.

4. Servizz ta' prontezza ta' 24-il siegħa, sebat ijiem fil-gimgħa għandu jaħdem, fuq il-bażi ta' preżenza dejjiema ta' mhux inqas minn żewġ uffiċjali, ħalli l-Uffiċju tas-Sigurtá jista' jonora r-responsabbiltajiet tiegħu.

Artikolu 3

1. Il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-affarijiet tas-sigurtá jista' f'kwalunkwe ħin jordna lid-Direttur ta' l-Uffiċju tas-Sigurtá tal-Kummissjoni biex jibda jopera s-sistema ta' l-immaniġġjar ta' kriżi.

2. Id-Direttur ta' l-Uffiċju tas-Sigurtá tal-Kummissjoni jista' jiddeċiedi, fuq l-inzjattiva tiegħu/tagħha, li fuq it-tagħrif għad-dispożizzjoni tiegħu/tagħha huwa xieraq li jibda jopera s-sistema ta' l-immaniġġjar ta' kriżi.

Artikolu 4

Sabiex id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu b'ħeffa biżżejjed sabiex jiżguraw il-protezzjoni ta' l-impjegati, it-tagħrif, il-bini u assi oħra tal-Kummissjoni minn kull theddida u biex jiżguraw il-kapaċita' operazzjonali, f'sitwazzjonijiet fejn l-urġenza ma jippermettix l-użu tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet normali:

1. Il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-affarijiet tas-sigurta' jista' jieħu deċiżjonijiet li huwa/hija jaħseb li huma xierqa għall-protezzjoni ta' l-impjegati u l-assi tal-Kummissjoni minn dik it-theddida;

2. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza estrema d-Direttur ta' l-Uffiċċju tas-Sigurta' tal-Kummissjoni jista' jieħu deċiżjonijiet simili għal dawk provduti fil-paragrafu 1, huwa jaġġixxi fejn huwa possibbli f'konsultazzjoni mal-Grupp amministrattiv. Kull użu ta' dan il-poteri għandhom jiġu immedjatament rappurtati lil-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-affarijiet tas-sigurta', għar-reviżjoni, u fejn huwa xieraq għall-approvazzjoni, għall-emenda jew għar-revokazzjoni;

([1]) ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.

3. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza estrema l-kap ta' missjoni jew delegazzjoni tal-Kummissjoni jew ta' rapprezentazzjoni jew rapprezentazzjoni reġjunali fl-Istati Membri jista' jieħu deċiżjonijiet simili għal dawk stabbiliti fil-paragrafu 1. Kull użu ta' dan il-poteri għandhom jiġu immedjatament rappurttati lil-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-affarijiet tas-sigurta', għar-reviżjoni, u fejn huwa xieraq għall-approvazzjoni, għall-emenda jew għar-revokazzjoni;

4. Kull deċiżjoni meħuda skond il-paragrafi 1 sa 3 għandha tingħata lill-laqgħa li tkun tmiss tal-Kulleġġ, għar-reviżjoni, u fejn huwa xieraq għall-approvazzjoni, għall-emenda jew għar-revokazzjoni.

Artikolu 5

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni K(94) 2129 huwa mħassar.